TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 203/13-F

**Antoinette Flattley**
**vs**
**Mirage Holdings Ltd.**

Illum 21 ta' Jannar, 2014

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-13 ta' Settembru, 2013 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' mija u ħamsa w għoxrin ewro u disgħin ċenteżmi (€125.90), rappreżentanti prezz ta' *microwave* li kellu l-ħsara.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huma rappreżentanti tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi kienet xtrat *microwave* mingħand is-soċjeta' ntimata li kellu l-ħsara tant li qabad in-nar.

Is-soċjeta' ntimata riedet illi dan jiġi msewwi u li kellu problema fit-*timer*.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jinnota illi dan il-*microwave* seta' jikkawża l-ħsara fil-kċina meta ħa n-nar u mhix aċċettabli li jissewwa.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas lir-rikorrenti l-ammont ta' mitt ewro (€100), u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata, u b'dan illi l-microwave jiġi propjeta' tas-soċjeta' ntimata wara li jsir il-ħlas.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888